# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 12**

**Rikors numru 1183/12/1 AF**

**Brittania Shipping International Limited (C 36039)**

**v.**

**Triva Shipping Company Limited (C 39275)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ottubru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet kemm it-talbiet tal-istess kumpanija attriċi u kif ukoll il-kontrotalbiet tal-azzjoni rikonvenzjonali tal-kumpanija mħarrka, filwaqt li ordnat lill-kumpanija attriċi tħallas l-ispejjeż

tal-azzjoni tagħha u lill-kumpanija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-azzjoni rikonvenzjonali tagħha;

2. Fl-azzjoni tagħha, il-kumpanija attriċi appellanti (minn issa 'l hemm imsejħa "BSI") talbet il-ħlas għall-ġarr bil-baħar ta' ħames (5) persuni lejn il-Libja fuq talba tal-kumpanija mħarrka u kif ukoll tal-kera ta' żewġ (2) ankri u ktajjen li nġarru fuq l-istess vjaġġ. Min-naħa tagħha, fil-kontrotalba tagħha, il-kumpanija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Triva") talbet il-ħlas ta' nfieq, telf ta' dħul u danni marbuta mal-arrest f'Malta tal-bastiment tagħha "*Triva I*" mitlub u miksub minn BSI;

3. Illi l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza s-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lammont ta' €18,500 rappreżentanti l-ħlas ta' vjaġġ bejn Malta u l-Libja. Hija qiegħda titlob ukoll il-ħlas għall-kirja ta' żewġ ankri flimkien mal-ktajjen tagħhom kif ukoll sabiex is-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tirritorna dawn l-ankri u ktajjen jew tħallas il-valur tagħhom. Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li s-somma mitluba mhijiex dovuta. Hija ressqet kontro-talba li permezz tagħha qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà attriċi tagħmel tajjeb għad-danni allegatament sofferti minnha riżultat tal-mandat ta' arrest kawtelatorju li talbet u ottjeniet is-soċjetà attriċi fuq ilbastiment Triva I kif ukoll nofs it-telf li tgħid illi sofriet riżultat tal-imsemmi vjaġġ bejn Malta u l-Libja.*
>
> *Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti li dwarhom jaqblu l-partijiet huma ftit. Is-soċjetà attriċi hija sid il-bastiment MV Tuskar Rock, li għamel żmien jismu Triva II. F'Lulju tal-2011 is-soċjetà konvenuta daħlet fi ftehim mal-Ambaxxata Ġermaniża sabiex isir vjaġġ bejn Malta u l-Libja għall-ħames uffiċċjali tal-ambaxxata. Bi ftehim bejn il-partijiet fil-kawża, dan il-vjaġġ sar permezz tal-bastiment MV Tuskar Rock. L-ekwipaġġ kien provdut mis-soċjetà attriċi bl-eċċezzjoni tal-kaptan li ġie magħżul u*

*inkarigat mis-soċjetà konvenuta. Il-partijiet ma għamlu l-ebda skrittura dwar dan il-vjaġġ imma ftehmu biss bil-fomm.*

*L-attriċi tikkontendi li l-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed ta' nolleġġ, b'dan illi s-soċjetà konvenuta obbligat ruħha li tħallas lis-soċjetà attriċi l-prezz globali ta' €18,500 jew €2,500 kuljum għall-bastiment, skont kemm idum il-vjaġġ, b'dan illi l-prezz minimu kellu jkun €18,500. Is-soċjetà konvenuta ssostni li l-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens illi huma kellhom jaqsmu l-qligħ ta' dan il-vjaġġ bejnithom wara li jitnaqqsu l-ispejjez. Hija żżid tgħid li minkejja li s-soċjetà konvenuta tħallset €17,900 mingħand l-Ambaxxata Ġermaniża, il-vjaġġ spiċċa sar b'telf ta' €409, liema telf kien unikament tort tas-soċjeta attriċi għaliex il-bastiment kien jikkonsma bunkers ferm aktar minn dak miftihem u għaliex il-bastiment kien nieqes mit-tgħamir neċessarju sabiex isir il-vjaġġ, liema tgħamir kellu jiġi provdut mis-soċjetà konvenuta. B'żieda ma' nofs it-telf li tgħid li sofriet minħabba dan il-vjaġġ, is-soċjetà konvenuta qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà attriċi tagħmel tajjeb għad-danni li tgħid li sofriet konsegwenza tal-mandat ta' arrest kawtelatorju li talbet u ottjeniet is-soċjetà attriċi fuq il-bastiment tagħha u ċioè Triva I.*

*In linea ta' prinċipju ġenerali, din il-kawża tistrieħ fuq il-kredibiltà tax-xhieda u fuq l-apprezzament illi din il-Qorti trid tagħmel prinċipalment fuq id-deposizzjonijiet tagħhom. Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi deċiza nhar it-12 t'April 2007 fejn ingħad illi:*

> *"(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib ilprova ta' l-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta il-pretiża ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Ara* ***Kollez. Vol. XLVI P I p 5****;*
>
> *(2) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi ta' l-attur hija sostenuta" (****Kollez. Vol. XXXVII P I p 577****);*
>
> *(3) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-deċizjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bazi tad-domanda jew ta' l-eċċezzjoni u lprovi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ipprovat;*
>
> *(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-*

> *konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu".*

*Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq, deċiza fit-30 t' Ottubru 2003:*

> *"Fil-kamp ċivili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"".*

*Il-konflitt tal-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru 1966).*

*Kwantu għall-aspett ta' żewġ verżjonijiet dijametrikalment konfliġġenti, hi ġurisprudenza paċifika li dan għandu jiffavorixxi lill-konvenut in kwantu li kien l-attur li kellu l-obbligu li jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Dan fuq l-iskorta tal-massima magħrufa 'actor non probante, reus absolvitur' kif ukoll 'incumbit probatio ei qui dicat non ei qui negat'. Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verżjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilanċjati li kull waħda tista' tirriżulta plawsibbli u veritjera, u ma tirriżultax dik ic-ċirkostanza determinanti li tissoda l-konvinċiment tal-Qorti favur teżi u mhux l-oħra, ma jibqax leċitu għall-ġudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Il-ġudikant allura għandu jasal għall-konkluzzjoni li min jallega u min allura kellu l-oneru tal-prova, ma jkunx issodisfa l-prova.*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi prodotti, id-depożizzjonijiet tar-rappreżentanti tal-soċjetajiet kontendenti u x-xhieda mressqa minnhom, issib li s-soċjetà attriċi ma ressqtix provi sodisfaċjenti li jikkonvinċuha, mqar fuq bażi ta' probabbiltà, l-eżistenza tal-kreditu vantat minnha.*

*Jinkombi fuq min jallega l-eżistenza tal-kreditu li dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a pjena sodisfazzjoni u b'mod univoku u konvinċenti. Il-provi prodotti f'din il-kawża huma skarsi għall-aħħar u ċertament ma*

*jimmeritawx illi abbażi tagħhom jiġu milqugħa t-talbiet attriċi. Is-soċjetà attriċi tikkontendi li l-allegat ftehim ta' nolleġ ma sarx bil-miktub, dan meta Joseph O'Connor għan-nom tas-soċjetà attriċi jispjega li dan it-tip ta' negozju huwa 'proċedura normali' għalih u li huwa jaġixxi f'isem madwar tnax-il bastiment ieħor. Il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen li kumpannija li xogħolha huwa proprju fin-negozju tal-bastimenti ser tidħol għall-ftehim ta' nolleġġ mingħajr ma jsir ftehim bil-miktub. Joseph O'Connor saħansitra jgħid illi ma jiftakarx jekk kienx hu li għamel kuntatt mas-soċjetà konvenuta jew vice versa. Ix-xhieda xotta ta' O'Connor dwar dan l-allegat ftehim mhuwiex biżżejjed għall-konvinċiment tal-Qorti.*

*Fir-rigward tal-ankri u ktajjen, l-ebda parti ma ressqet provi dwar il-kontenut ta' dan il-ftehim bejn il-partijiet. Kien biss il-kaptan James David Elder li ghamel riferenza għal dawn l-ankri, imma filwaqt illi jgħid ili kien jaf li huma tas-soċjetà attriċi, b'daqshekk ma jitfax dawl fuq il-ftehim bejn il-partijiet. B'applikazzjoni tal-istess prinċipji ċitati aktar qabel, it-talbiet attriċi relatati ma dawn l-ankri u ktajjen ukoll sejra tiġi miċħuda.*

*Is-soċjetà konvenuta ressqet kontro-talba li permezz tagħha qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas €51,589.50 rappreżentanti nofs it-telf li tikkontendi li sofriet riżultat tal-vjaġġ in kwistjoni (€204.50) u d-danni li tgħid li sofriet minħabba l-mandat ta' arrest kawtelatorju li sar fuq il-bastiment Triva I.*

*Is-soċjetà attriċi laqgħet għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta b'eċċezzjonijiet ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu. Fl-ewwel lok hija tikkontendi illi l-kontro-talba hija improponibbli għaliex kellha ssir a tenur tal-artikolu 836 talKapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-atti tal-mandat in kwistjoni u mhux f'din l-istanza.*

*Din il-Qorti tirrileva li huwa minnu li t-talbiet rikonvenzjonali, sa fejn dawn huma għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, huma improponibbli f'din l-istanza. Dan għaliex mhumiex konformi ma' dak li jiddisponi l-artikolu 396 tal-Kap. 12 u ċioè li l-kontrotalba trid tkun konnessa mat-talbiet tal-attur, jew (i) għaliex tkun ġejja mill-istess fatt, kuntratt jew titolu li minnu jkunu ġejjin it-talbiet attriċi, jew (ii) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut tkun li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew jimpedixxi l-effetti tagħha.*

*Ma jistax jingħad li talba għad-danni wara mandat kawtelatorju hija konnessa mat-talbiet attriċi li huma bbażati fuq l-allegat relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Kif intqal proprju minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Air Malta plc vs Lawrence Borg tat-30 ta' Ġunju 2004, li kienet titratta mertu simili:*

> *"Illi meta l-Qorti tifli sewwa l-azzjoni ewlenija, li hija azzjoni għall-ħlas ta' kreditu minħabba ksur ta' kuntratt, tasal għal-fehma li l-kontro-talba mressqa ma taqax fil-parametri tal-"istess fatt" kif imfissra hawn fuq.*

> *Dan jingħad għaliex jidher li, kieku ma kienx għall-fatt li l-kumpannija attriċi kisbet il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju dak inhar li fetħet il-kawża, ma hemm l-ebda premessa oħra li fuqha l-azzjoni rikonvenzjonali qegħda tissejjes. Fi kliem ieħor, il-kontro-talba qegħda tinbena biss fuq il-fatt ta' proċedura kawtelatorja maħsuba biex tħares l-azzjoni attriċi, u mhux fuq il-mertu tal-istess azzjoni. Kien ikun hemm konnessjoni dwar l-istess fatt kieku l-azzjoni rikonvenzjonali kienet mibnija fuq il-kuntratt u mhux fuq proċedura meħuda b'ħarsien tal-azzjoni innifisha, kif fil-fatt sar. F'dan il-każ, il-mandat kawtelatorju m'huwiex il-bażi tat-talba attriċi, imma huwa l-oriġini u l-bażi tal-kontrotalba".*

*Fir-rigward tal-ammont ta' €204.50 li jirrappreżentaw nofs l-allegat telf li sar mill-vjaġġ in kwistjoni, il-Qorti ssib illi hawnhekk ukoll, it-talba mhijiex mistħoqqa. Kif diġa ġie rilevat, din il-Qorti mhijiex konvinta mill-provi prodotti dwar fiex kien jikkonsisti l-ftehim bejn il-partijiet. Isegwi għalhekk illi ma ġiex ipprovat li kwalunkwe telf li sar mill-vjaġġ għandha tbati għalih ukoll is-soċjetà attriċi. B'żieda ma' dan kollu, din il-Qorti ma tqisx illi tressqu biżżejjed provi dwar l-allegazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta li l-bastiment kellu jiġi mgħammar minnha a spejjeż tagħha, dan speċjalment in vista tal-fatt illi l-kaptan xehed li l-uniku oġġett li kellu nieqes il-bastiment kien il-life raft. Il-Qorti żżid tgħid li anke li kieku għall-grazzja tal-argument kellu jirriżulta li s-soċjetà konvenuta provdiet it-tgħamir u ħallset għall-fuel sabiex isir il-vjaġġ, mingħajr prova ċara dwar dak li attwalment ftehmu l-partijiet, it-talba tagħha sabiex tiġi kkompensata għall-allegat telf tibqa' meqjusa infondata*";

4. Billi BSI ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza, f'rikors tal-appell imressaq minnha fis-6 ta' Novembru, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, hija talbet lil din il-Qorti tikkonfermaha sa fejn ċaħdet l-azzjoni rikonvenzjonali ta' Triva, bl-ispejjeż kontra Triva u biex tħassarha sa fejn kienet ċaħdet l-azzjoni ewlenija tagħha billi tilqa' t-talbiet kollha tagħha bl-ispejjeż kontra Triva wkoll;

5. Min-naħa tagħha, bi Tweġiba mressqa minnha fis-27 ta' Novembru, 2017, Triva laqgħet għall-appell ta' BSI billi warrbet l-aggravji u qalet li, f'dak ir-rigward, is-sentenza appellata kienet tajba u kien imissha tkun konfermata. Imma nqdiet bl-istess tweġiba biex ressqet appell inċidentali

li bih, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet lil din il-Qorti tirriformaha billi, filwaqt li tiċħad l-appell ewlieni ta' BSI, tirriformaha billi "tiġi riformata sa fejn tikkonċerna t-talbiet rikonvenzjonali u l-ispejjeż tal-istess talbiet rikonvenzjonali";

6. Għalkemm BSI laqgħet in-notifika tal-imsemmija Tweġiba f'Diċembru tal-2017, ma ressqitx it-tweġiba tagħha għall-appell inċidentali ta' Triva. Imma waqt is-smigħ tal-11 ta' Ottubru, 2022[1], l-avukat ta' BSI ġibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti illi "dak li jissejjaħ bħala appell inċidentali ma huwiex fil-forma rikjesta mil-liġi, u għalhekk jitlob lill-Qorti ma tqisux bħala appell inċidentali";

7. Waqt is-smigħ imsemmi, l-avukati taż-żewġ partijiet iddikjaraw ukoll li ma kellhom xejn aktar x'iżidu mas-sottomissjonijiet li kienu ressqu bil-miktub;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

9. Illi, fid-dawl tat-talba magħmula mid-difensur ta' BSI waqt is-smigħ tal-11 ta' Ottubru, 2022, din il-Qorti jidhrilha li jkun iżjed għaqli li l-ewwel

---

[1] Paġ. 140 tal-proċess.

u qabel kollox tqis il-**preġudizzjali tas-siwi tal-appell inċidentali** ta' Triva. Fl-imsemmija sottomissjoni, l-avukat ta' BSI illimita ruħu biss biex jgħid li dak l-att mhuwiex fil-forma li titlob il-liġi. Għalhekk, huwa stieden lil din il-Qorti biex ma tqisux daqslikieku ma tressaqx. Min-naħa tiegħu, l-avukat ta' Triva warrab it-talba ta' BSI billi saħaq li "l-appell inċidentali sar *ai termini* tal-liġi";

10. Illi huwa ċar, għalhekk, li l-preġudizzjali tqajmet dwar is-sura li fih tressaq l-appell inċidentali minn Triva u għalhekk jirrigwarda s-siwi formali tal-imsemmi att. L-Artikolu 240 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li parti f'kawża tista' tinqeda b'appell li jsir minn sentenza u li jista' jkun appell kemm mill-istess sentenza li dwarha jkun tressaq l-appell ewlieni, kemm minn kap wieħed jew aktar ta' dik is-sentenza, kemm minn digriet interlokutorju, u kif ukoll saħansitra minn xi sentenza jew provvediment mogħtija fl-istess kawża li minnhom ma jkun tressaq l-ebda appell fl-appell ewlieni. Minbarra dan, l-appell inċidentali jista' jitressaq ukoll kontra xi parti fil-kawża li kontriha ma jkunx sar appell ewlieni. Imma l-imsemmi artikolu jgħid ukoll li parti ma tistax tinqeda b'appell inċidentali dwar sentenza partikolari fejn dik il-parti tkun diġà appellat minn dik is-sentenza jew xi kap minnha[2];

[2] *Prov.* Art. 240(1) tal-Kap 12; u ara wkoll App. Ċiv. **25.10.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Adrian Vella Petroni et v. HSBC Bank Malta p.l.c. et*** §§ 34 – 7.

11. Dwar x'għamla jew sura għandu jkollu appell inċidentali, dak l-artikolu jgħid biss li parti li tkun fi ħsiebha tinqeda b'appell bħal dak għandha tagħmel dikjarazzjoni f'dak is-sens fir-risposta fejn issemmi t-talbiet tagħha u r-raġunijiet għall-appell inċidentali tagħha[3]. Fiż-żmien li tressaq l-att minn Triva, il-liġi ma kienet titlob l-ebda formalità oħra minn dik il-parti li tagħżel li tressaq appell inċidentali, ħlief dak mitlub u msemmi fl-Artikolu 143 tal-istess Kodiċi;

12. Fil-każ tal-att imressaq minn Triva, joħroġ ċar li għall-bidu l-att tfassal b'mod li jidher li huwa Tweġiba għall-appell ewlieni biss, u hekk tabilħaqq issejjaħ. Kien biss mal-preżentata tiegħu f'Novembru tal-2017 li saret żieda awtorizzata mill-attwarju tal-kliem "u appell inċidentali"[4], imma mkien fl-att ma saret id-dikjarazzjoni formali li Triva kienet qiegħda tinqeda b'dak l-att biex tressaq appell inċidentali mis-sentenza appellata. L-att juri li, mit-tieni nofs tiegħu 'l quddiem, Triva tgħid li dwar it-talbiet rikonvenzjonali tagħha u bla ħsara għal dak li kienet semmiet qabel dwar l-appell ewlieni ta' BSI, hija kienet qiegħda tħoss li "l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi" u mbagħad għaddiet biex issensel l-aggravji miċ-ċaħda mill-Ewwel Qorti tat-talbiet rikonvenzjonali. Imma x'ħin ġiet biex tagħlaq l-att imressaq minnha, Triva talbet hekk: "1. Tirriġetta l-appell prinċipali bl-ispejjeż ta' din l-istanza; u 2. Tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fil-mertu sa fejn tiċħad it-talbiet attriċi

[3] Art. 240(2) tal-Kap 12.
[4] Ara paġ. 128 tal-proċess.

bl-ispejjeż tal-kawża ewlenija jitħallsu mis-soċjetà attriċi u tiġi riformata sa fejn tikkonċerna t-talbiet rikonvenzjonali u l-ispejjeż tal-istess talbiet rikonvenzjonali";

13. Il-Qorti tqis li l-kwistjoni tan-nuqqas ta' siwi ta' atti hija waħda ġeneralment meqjusa bħala odjuża għall-finijiet ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja – kull nullità għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. In-nullità tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[5]. Att ġudizzjarju għandu jitqies null biss għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarità li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija[6];

---

[5] App. Ċiv. **4.11.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella v. Cefai*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.467**).
[6] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et v. Medserv Operations Limited.***

14. Il-Qorti tqis ukoll li l-liġi tgħid espressament li n-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet dwar x'għandu jintalab meta jsir appell għat-tħassir jew għar-riforma ta' sentenza ma jagħmilx null tali att[7] u li dawk id-dispożizzjonijiet jgħoddu wkoll għall-appell inċidentali u t-tweġiba li jitressaq biha[8]. B'dispożizzjonijiet bħal dawn, il-liġi tagħti 'l wieħed x'jifhem li n-nullità żgur mhix waħda awtomatika, u għall-kuntrarju, eċċezzjoni f'dan is-sens ma tkunx tista' tingħata jekk l-att jista' jissewwa taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi[9]. Fil-każ tal-att imressaq minn Triva, jidher ċar ukoll (fit-tieni talba f'dak l-att) li, għalkemm il-mod li fih hija mfassla setgħet tkun bil-wisq aktar ċara, Triva kienet qiegħda titlob ir-riforma tas-sentenza appellata bl-ilqugħ tat-talbiet rikonvenzjonali li l-Ewwel Qorti kienet ċaħditilha. Minn dan l-aspett, għalhekk, din il-Qorti tqis li l-att kien juri biżżejjed li Triva kienet qiegħda tikkontesta s-sentenza appellata u dan seta' jsir biss billi dan l-att tagħha jitqies bħala appell inċidentali[10]. Fuq kollox, in-nuqqasijiet li jidher li kellu f'moħħu l-avukat ta' BSI meta talab lil din il-Qorti ma tqisx l-att ta' Triva ma humiex tali li jwasslu biex din il-Qorti taqbel mal-imsemmija stedina[11];

15. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx mistħoqqa l-preġudizzjali proċedurali mqajma minn BSI u se tgħaddi biex tqis kemm l-aggravji ta'

---

[7] Art. 143(5) tal-Kap 12.
[8] Art. 143(7) tal-Kap 12.
[9] *Prov.* tal-Art. 789(1) tal-Kap 12.
[10] Ara App. Ċiv. **29.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Matrenza v. Uffiċjal Valutazzjoni Artijiet et*** § 9.
[11] App. Ċiv. **30.6.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Sant et v. Ciantar*** (Kollez. Vol: **XXX.i.183**).

BSI fl-appell ewlieni tagħha u kif ukoll dawk ta' Triva fl-appell inċidentali tagħha;

16. BSI tressaq **aggravju wieħed** minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet it-talbiet tagħha fl-azzjoni ewlenija. Hija tfisser dak l-aggravju billi tgħid li "l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-provi speċifikatament għaliex wara li kkonstata(t) li hemm żewġ verżjonijiet diametrikament opposti, għażlet il-verżjoni tas-soċjetà intimata għal ebda raġuni legalment sostenibbli". Hija tisħaq li ressqet provi dokumentali li jwaqqgħu għalkollox il-verżjoni ta' Triva u li jippruvaw "lil hinn minn kull ombra ta' dubju" li Triva ma kinitx qiegħda tgħid is-sewwa. Minbarra dan, BSI tilmenta li l-Ewwel Qorti "brev(e)ment tefgħet lill-kontendenti f'keffa waħda", u minkejja li ressqitilha quddiemha provi dokumentali li jġibu fix-xejn il-verżjoni ta' Triva, qieset li l-konflitt fil-provi kellu jibbenefika lil Triva u mhux lilha mingħajr ma jidher li dik il-Qorti "fliet bir-reqqa l-provi prodotti li skont l-istess kienu skjetti għall-aħħar". BSI tgħid li l-allegazzjoni ta' Triva li l-vjaġġ mertu tal-każ kien sar bi sħab ma toħroġ mill-ebda prova li wieħed jista' joqgħod fuqha u BSI tiċħadha għalkollox, u li fis-sewwa l-vjaġġ sar billi BSI ipprovdiet l-ekwipaġġ u l-bastiment bla kaptan, ftehmet il-prezz minn qabel, u minkejja li tat dawn is-servizzi, baqgħet ma tħallsitx. Dwar il-kiri tal-ankri, BSI tgħid li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha provi li l-ankri kienu proprjetà tagħha u li kienu

fuq il-bastiment ta' Triva u li lanqas Triva ma ressqet l-iċken prova li dan ma kienx minnu;

17. Min-naħa tagħha, Triva tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid li, għajr għax-xhieda ta' Joseph O'Connor u tal-Kaptan James Elder (li, fiż-żmien li xehed kien inkarigat mill-appellanti), BSI ma ressqet l-ebda prova biex issostni t-talbiet tagħha. Iżżid tgħid li, meta sarulhom il-kontroeżamijiet, dik ix-xhieda kienet miżgħuda bil-kontradizzjonijiet. Imbagħad tgħid li l-liġi trid li kull ftehim ta' noleġġ ta' bastiment itqal minn tletin (30) tunnellata jrid isir bil-miktub[12] u kien jaqa' fuq BSI li turi li kien hemm ftehim bħal dan, inkella l-kuntratt ma jiswiex. Hija tisħaq li ma kien hemm l-ebda ftehim ta' noleġġ ta' bastiment u lanqas rata miftehma. L-istess ħaġa tgħodd għall-pretensjonijiet ta' BSI dwar il-kiri tal-ankri: il-fatt li l-ankri setgħu tabilħaqq kienu fuq bastiment ta' Triva ma jippruvax li kienu nkrew. Ittemm billi tgħid li l-Ewwel Qorti ħadmet sewwa r-regoli proċedurali l-aktar elementari dwar min kellu l-piż li jipprova l-każ tiegħu u sa liema grad kellu jagħmel dan;

18. Illi l-Qorti tibda biex tirrimarka li l-argument ta' Triva dwar in-nuqqas ta' siwi tal-kuntratt ta' noleġġ għaliex ma sarx bil-miktub ma jistax jitqies f'dan l-istadju. Għall-Qorti, dak l-argument ma huwa xejn aktar minn eċċezzjoni li Triva twebblet biha l-ewwel darba fit-tweġiba tagħha għall-

[12] Art. 275 tal-Kap 13.

appell ta' BSI u ma kien tqajjem fl-ebda waqt qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, imqar fit-tweġiba maħlufa li tressqet flimkien mal-kontrotalba tagħha. Ma hemmx għalfejn jingħad li t-tressiq ta' eċċezzjoni wara li jkunu tressqu l-eċċezzjonijiet oriġinali trid issir kif titlob il-liġi u la permezz ta' argument f'nota ta' sottomissjoni u wisq anqas bħala aggravju jew argument kontra aggravju fl-istadju tal-appell[13]. Minbarra dan, meta ħaġa titqajjem l-ewwel darba fi stadju ta' appell (argument jew sottomissjoni "*noviter deductus*"), din il-Qorti tagħmel sewwa ma tqishiex għaliex, fl-ewwel lok, ma tkunx tqieset mill-Ewwel Qorti u għalhekk ma tkunx tagħmel parti mis-sentenza appellata, u appell isir biss minn dak li sentenza tkun iddeċidiet; u fit-tieni lok, ma jkunx sewwa li l-kwistjoni ma tkunx tqieset fiż-żewġ istanzi għall-benefiċċju tal-partijiet fil-kawża[14];

19. Illi, fil-mertu, l-aggravju ta' BSI huwa essenzjalment wieħed li jitlob l-eżami mill-ġdid tal-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti tal-provi mressqin quddiemha mill-partijiet sa dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata. Din il-Qorti kellha okkażjoni kemm-il darba tgħid li hija ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-Ewwel Grad jekk mhux f'ċirkustanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[15]. Minkejja dan, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell*

[13] Art. 728(2) tal-Kap 12.
[14] Ara, fost l-oħrajn, App. Ċiv. **22.6.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***Triva Shipping Co Ltd v. Direttur-Ġenerali (Dwana) et*** § 16 u App. Ċiv. **25.1.2023** fil-kawża fl-ismijiet ***Marco Parolini et v. Farrugia Investments Ltd et*** §15.
[15] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Agius v. Piju Theuma.***

*għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[16];

20. Illi din il-Qorti fliet sewwa l-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti minn BSI u ssib li għandha tasal għall-istess fehma li waslet għaliha dik il-Qorti. Wara l-eżerċizzju ta' ri-eżami mwettaq minnha, din il-Qorti ftit li xejn għandha x'iżżid ma' dak li qalet u sabet l-Ewwel Qorti. Minkejja l-kontestazzjoni li BSI rat min-naħa ta' Triva (saħansitra akkumpanjata minn kontrotalba), l-appellanti ressqet provi tassew ġeneriċi meta kien jaqa' fuqha li turi b'mod tajjeb biżżejjed kif waslet għat-tliet pretensjonijiet tagħha u l-ammonti msemmija. Ta' min jgħid li t-talbiet attriċi ta' BSI

[16] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et.***

jikkonsistu f'somma globali dwar il-ħlas tal-vjaġġ, somma li kellha tkun likwidata għall-kiri kuljum taż-żewġ ankri, u somma ta' ħlas f'każ li Triva tonqos li troddilha l-imsemmija ankri. B'żieda ma' dak li osservat l-Ewwel Qorti dwar ix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-istess BSI, din il-Qorti tgħid ukoll li l-appellanti ma ressqitx imqar prova dokumentali waħda li twieġeb jew issostni xi waħda mit-tliet talbiet. Biex tkompli tgħaqqad, fl-ittra uffiċjali mibgħuta lil Triva qabel infetħet il-kawża[17], lanqas biss tissemma' xi talba dwar kiri ta' ankri jew ir-radd lura tagħhom, u tissemma' biss is-somma ta' €18,500 bla riferenza jew dettalji għal xi ftehim jew fattura;

21. Illi b'riħet hekk, ix-xhieda ta' Joseph O'Connor bilfors spiċċat dgħajfa u mhux konvinċenti. Ix-xhieda tal-kaptan (li kien imqabbad minn Triva u mħallas minnha) ma tindirizzax is-siwi tal-imsemmija pretensjonijiet (ħlief, forsi, marġinalment dwar x'sar mill-ankri li tgħabbew fuq il-bastiment qabel il-vjaġġ). Ix-xhieda l-oħrajn li ressqet BSI ma kienu tal-ebda fejda għall-istess pretensjonijiet. Il-prova li l-bastiment seta' tabilħaqq baħħar bejn Malta u l-Libja fit-8 ta' Lulju tal-2011, ma jipprova l-ebda kreditu jew l-eżistenza tiegħu;

22. Illi din il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, għall-kuntrarju ta' dak li BSI tgħid fl-aggravju tagħha, ir-raġuni għaliex l-Ewwel Qorti ma laqgħetx it-

[17] Dok "A", f'paġ. 3 tal-proċess.

talbiet attriċi ma kienx daqstant għaliex emmnet il-verżjoni ta' Triva, daqskemm kien għan-nuqqas min-naħa ta' BSI li tressaq provi tajbin biżżejjed u xierqa biex tikkonvinċi lil dik il-Qorti li tilqa' dawk it-talbiet jew parti minnhom. Ma kienx xogħol l-Ewwel Qorti li tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi li BSI kellha u messha ressqet, u fiċ-ċirkustanzi, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti mxiet kif jixraq mar-regoli proċedurali stabbiliti f'sensiela twila ta' tagħlim tal-Qrati meta ċaħdet it-talbiet ta' BSI fl-azzjoni ewlenija tagħha. Fuq kollox, din il-Qorti ma ssibx li l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni jew ta' apprezzament ta' provi magħmul mill-Ewwel Qorti kien b'xi mod wieħed irraġonevoli jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mistħajla lil hinn mill-provi u l-atti tal-kawża;

23. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb u mistħoqq, u għalhekk mhux se jintlaqa';

24. Il-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**appell inċidentali ta' Triva**. F'dan l-appell, Triva tgħid li l-Ewwel Qorti ħadmet il-liġi ħażin billi: (i) qieset li l-azzjoni rikonvenzjonali ma kinitx imsejsa fuq iċ-ċirkustanzi maħsuba mil-liġi u li dwarha azzjoni bħal dik tista' titressaq; (ii) ma ratx li t-telf imġarrab minn Triva minħabba l-vjaġġ mertu tal-każ jitnissel mill-istess fatt li dwaru BSI ressqet l-azzjoni tagħha; (iii) ma qisitx li d-danni mġarrbin minnha minħabba li BSI arrestatilha bastiment tagħha u sakemm dam hekk arrestat ukoll imisshom jitqiesu bħala ċirkustanza mnissla mill-istess fatt

bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili; u (iv) l-Ewwel Qorti naqset li teżamina ċ-ċirkustanzi li taħthom BSI ħarġet il-mandat ta' arrest tal-bastiment tagħha *Triva I* minkejja li BSI ma kinitx sejra tmexxi b'azzjoni *in rem* u fejn kellu jirriżulta li dak il-mandat "inħareġ b'negliġenza grossolana jekk mhux anke b'abbuż ġudizzjarju";

25. Għal dan l-appell inċidentali, BSI ma ressqitx tweġiba bil-miktub, u għajr għall-preġudizzjali mqajma mill-avukat tagħha dwar is-siwi tagħha (u li din il-Qorti tat il-fehma tagħha aktar 'il fuq[18]) waqt it-tieni smigħ quddiem din il-Qorti;

26. Illi l-Qorti jidhrilha li l-aggravji ta' Triva fl-appell inċidentali tagħha jinġabru kollha taħt l-aspett tal-proponibilità tal-azzjoni rikonvenzjonali. L-Ewwel Qorti qieset li l-pretensjonijiet rikonvenzjonali ta' Triva fil-konfront tat-talbiet ta' BSI fl-azzjoni ewlenija ma joqogħdux ma' dak li l-liġi titlob dwar l-istitut tar-rikonvenzjoni. Il-liġi[19] trid li biex talba rikonvenzjonali tista' ssir f'kawża, din irid ikollha rabta mat-talba attriċi, jew għaliex tkun ġejja mill-istess fatt, kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur, jew għaliex l-imħarrek ikollu l-ħsieb li bil-kontrotalba tiegħu jpaċi jew iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew iżomm l-effetti tagħha. Huwa miżmum ukoll minn sensiela twila ta' deċiżjonijiet, li element ewlieni li jsejjes is-siwi ta'

[18] §§ 9 sa 15 *supra.*
[19] Art. 396 tal-Kap 12.

azzjoni rikonvenzjonali huwa dak li, minbarra l-konnessjoni msemmija mil-liġi, irid jirriżulta wkoll li jista' jagħmel użu minnha biss l-imħarrek fil-kwalità li huwa jkun tħarrek fiha fl-azzjoni oriġinali[20]. B'"konnessjoni" wieħed ċertament ma jifhimx li l-kontrotalba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha[21]. Iżda l-elementi li trid il-liġi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontrotalba tista' titressaq kif imiss;

27. Imma l-fatt li l-għan ta' parti mħarrka jkun li ġġib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix ġustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att ġudizzjarju fl-għamla ta' rikonvenzjoni. L-istess għan jintlaħaq b'atti oħrajn (bħalma hija t-tweġiba maħlufa) li l-liġi tagħti lill-parti mħarrka fil-proċedura normali tal-kawżi. Ma kien qatt il-ħsieb tal-leġiżlatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bħala strument ordinarju li bih kull kawża tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju proċedurali li għandu ħsieb u għan speċifiku, u kemm hu hekk hija waħda minn dawk il-proċeduri li l-Kodiċi ssejjaħ "speċjali". Dan jingħad ukoll minkejja li l-jedd li titressaq talba rikonvenzjonali huwa mogħti lill-imħarrek mingħajr limitu dwar l-għamla ta' azzjoni li fiha tista' ssir[22];

28. Il-Qorti ttenni l-fehma murija f'bosta deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati dwar x'wieħed għandu jifhem bil-kliem "l-istess kuntratt" jew "l-istess fatt"

---

[20] Ara P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Alexis Vella et noe v. David Jones et noe.***
[21] Ara pereżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammy Meilaq noe v. Oral Attinel pro et.***
[22] Ara P.A. GV **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***F.Mercieca & Sons Mobili Ltd. v. George Borg et.***

imsemmija fl-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa stabbilit li b'"*fatt*" wieħed jifhem dik il-ġabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta ġuridika[23]. "Fatt" ma jista' jkun qatt xi ħaġa li tnisslet u seħħet wara u b'konsegwenza tal-fatt li nbdew proċeduri fil-Qorti biex jiġi determinat ġuridikament jekk xi waħda mill-partijiet kinitx kisret il-ftehim[24] - jiġifieri, il-veru "fatt". Il-liġi titkellem ukoll dwar ir-rabta jew konnessjoni bejn l-azzjoni ewlenija u dik rikonvenzjonali. Il-Qorti tagħraf b'"*konnessjoni*" wieħed ċertament ma jifhimx li l-kontrotalba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha[25]. Iżda l-elementi li trid il-liġi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontrotalba tista' titressaq kif imiss;

29. Fil-każ li din il-Qorti għandha quddiemha, l-azzjoni ewlenija ta' BSI hija waħda għall-ħlas ta' kreditu mnissel minn servizz mogħti u kiri ta' tagħmir u r-radd lura tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-kontrotalba ta' Triva tinbena l-aktar fuq l-effetti ħżiena li ħalla fuqha mandat kawtelatorju maħruġ kontra tagħha minn BSI (hija biss f'parti ċkejkna tal-azzjoni rikonvenzjonali li Triva titlob il-ħlas ta' sehemha mit-telf tal-vjaġġ li kien il-mertu tal-azzjoni ewlenija ta' BSI). Dak il-mandat inħareġ b'ħarsien tal-pretensjonijiet ta' BSI f'din il-kawża;

---

[23] Ara Digesto Italiano (Vol. IX) Voce "*Fatto*" paġ. 548-9 u App. Kumm. **6.2.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Grazia Fava v. Salvino Farrugia*** (mhix pubblikata).
[24] Ara App. Ċiv. **27.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Gambin v. Gambin pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.570**).
[25] Ara pereżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammy Meilaq noe v. Oral Attinel pro et.***

30. Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju ta' Triva mhuwiex tajjeb u l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li ma laqgħetx it-talbiet rikonvenzjonali. Dan jingħad għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, sa fejn il-pretensjonijiet ta' Triva jirrigwardaw il-ħlas ta' sehem mit-telf tal-vjaġġ, huwa evidenti għall-aħħar li l-ammont pretiż ma jaqax fil-kompetenza ta' Qorti Superjuri u għalhekk la kien jista' jservi biex ipaċi jew "iġib fix-xejn l-azzjoni"[26] ta' BSI u wisq anqas biex jippermetti lil Triva tinqeda bil-proċedura tar-rikonvenzjoni kontra l-azzjoni ewlenija ta' BSI. Kif inhu mgħallem fi kwistjonijiet ta' rikonvenzjoni, "*the demand of the defendant must fall within the competence of the same court because the 'continentia causarum' communicates jurisdiction but not competence*"[27]. Fit-tieni lok, sa fejn il-pretensjonijiet ta' Triva jinbnew fuq id-danni allegatament imġarrba minħabba l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju tal-arrest tal-bastiment tagħha *Triva I*, ma jistax jingħad li jirrikorru l-elementi msemmijin aktar 'il fuq tal-identità tal-fatt u l-konnessjoni meħtieġa. Il-mandat kawtelatorju li Trivia tgħid li ġabilha ħsara u telf ma kienx il-bażi tal-azzjoni ewlenija ta' BSI imma biss għodda proċedurali maħsuba biex tħares u tikkawtela dik l-azzjoni[28]. Fit-tielet lok, bla ma l-Qorti tidħol f'ħafna konsiderazzjonijiet dwar il-kwistjoni dwar it-tħaddim xieraq tal-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12, jingħad biss li huwa mgħallem u aċċettat f'sensiela twila ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li l-fatt waħdu li persuna li

---

[26] Art. 396(b) tal-Kap 12.
[27] Caruana Galizia _Notes on Civil Procedure_ paġ. 1454.
[28] Ara, pereżempju, Kumm. JDC **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***David Jones noe v. L-Avukat Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici noe et*** (mhix pubblikata) li wkoll fliet ċirkustanza tixbah lil din il-kwistjoni.

kontra tagħha jinħareġ mandat kawtelatorju tbati xi ħsara jew skomdu, ma jfissirx b'daqshekk li l-persuna eżekutanti trid tiġi kundannata tagħmel tajjeb għall-ħsara jew dannu ta' tali skomdu[29]. Dan jingħad ukoll jekk il-kawża li bis-saħħa tagħha jinħareġ l-imsemmi mandat tinqata' kontra l-parti li tkun talbet il-ħruġ tiegħu[30]. Fi kliem ieħor, hija l-fehma tal-Qorti li talba rikonvenzjonali mressqa għad-danni minħabba mandat kawtelatorju għall-istess azzjoni ewlenija hija (kontro) talba milquta mill-intempestività. L-intempestività hija għamla ta' irritwalità li tolqot is-siwi tal-att ġudizzjarju li jinħareġ taħtha[31];

31. Għalhekk, il-Qorti qiegħda twarrab l-aggravji kollha mressqa minn Triva fl-appell inċidentali tagħha u ttenni l-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti, filwaqt li żżid magħhom dak li jingħad hawn fuq;

**Decide:**

32. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad il-preġudizzjali tan-nullità** tal-appell inċidentali tal-kumpanija appellata Triva Shipping Company Limited, imqajma mill-kumpanija

---

[29] Ara, pereżempju, P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Mercieca v. George Galea.***

[30] Ara, pereżempju, P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited v. Dr. Lilian Calleja Cremona*** u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija.

[31] Ara, pereżempju, Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri v. Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161)** u P.A. **18.8.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli et v. Tabone et noe*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.1034**).

appellanti Brittania Shipping Company Limited, liema preġudizzjali mhijiex mistħoqqa;

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-kumpanija attriċi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ottubru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad l-appell inċidentali** mressaq mill-kumpanija intimata Triva Shipping Company Limited mill-istess sentenza, billi huwa wkoll mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkonferma** għalhekk għalkollox dik is-sentenza, magħdud il-kap tal-ispejjeż; u

**Tordna** li kull parti tħallas ukoll l-**ispejjeż dwar l-appell** imressaq minnha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm